

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/691****tal-4 ta' Mejju 2016****li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
dwar l-użu ta' ċerti addittivi tal-ikel fil-kaseinati li jittieklu****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008  
dwar l-addittivi tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Dik il-lista tista' tiġi emendata f'konformità mal-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, b'inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara applikazzjoni.
- (3) Id-Direttiva (UE) 2015/2203 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup> tipprovdi lista ta' addittivi tal-ikel li jistgħu jintużaw fil-kaseinati li jittieklu. Id-Direttiva hija riformulazzjoni tad-Direttiva 83/417/KEE <sup>(4)</sup> dwar ċerti lattoproteini (il-kaseini u l-kaseinati) maħsuba għall-konsum mill-bniedem.
- (4) Id-Direttiva (UE) 2015/2203 tipprovdi ċarezza dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti sustanzi fil-kaseinati li jittieklu li jitqiesu addittivi tal-ikel. Id-dispożizzjonijiet dwar l-addittivi tal-ikel fid-Direttiva (UE) 2015/2203 għandhom ikunu riflessi fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (5) Il-kaseinati li jittieklu jiffurmaw parti mill-prodotti tal-ħalib. Madankollu, dak il-grupp mhuwiex speċifikat fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008. Għalhekk għandha tiġi stabbilita kategorija tal-ikel bl-isem ta' "Kaseinati li jittieklu" u l-addittivi awtorizzati fil-kaseinati li jittieklu għandhom ikunu inklużi bil-kundizzjonijiet tal-użu rispettivi.
- (6) It-trasferiment se jiżgura li jkun hemm ċarezza ġuridika u ma jintroduċix użi ġodda tal-addittivi tal-ikel. L-użu estż ta' dawk l-addittivi jikkostitwixxi aġġornament tal-lista tal-Unjoni li mhux mistenni jkollu effett fuq is-saħħa tal-bniedem. Għalhekk, m'hemmx bżonn li tintalab l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel.
- (7) Għaldaqstant, l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandu jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

<sup>(1)</sup> ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1).

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva (UE) 2015/2203 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati ma' kaseini u kaseinati maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE (ĠU L 314, 1.12.2015, p. 1).

<sup>(4)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE tal-25 ta' Lulju 1983 dwar l-Approssimazzjoni tal-Liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti lattoproteini (il-kaseini u l-kaseinati) maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 237, 26.8.1983, p. 25).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istat Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Mejju 2016.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

\_\_\_\_\_

## ANNEX

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti D, tiddaħħal l-entrata li ġejja wara l-entrata għall-kategorija tal-ikel "01.8 Analogi ta' prodotti tal-ħalib, inklużi whiteners tax-xorb":

"01.9	Kaseinati li jittieklu"
-------	-------------------------

(2) Fil-Parti E, tiddaħħal l-entrata li ġejja wara l-aħħar entrata għall-kategorija tal-ikel "01.8 Analogi ta' prodotti tal-ħalib, inklużi whiteners tax-xorb":

"01.9	Kaseinati li jittieklu				
	E 170	Karbonat tal-kalċju	<i>quantum satis</i>		
	E 331	Ċitrati tas-sodju	<i>quantum satis</i>		
	E 332	Ċitrati tal-potassju	<i>quantum satis</i>		
	E 333	Ċitrati tal-kalċju	<i>quantum satis</i>		
	E 380	Ċitrat tat-triammonju	<i>quantum satis</i>		
	E 500	Karbonati tas-sodju	<i>quantum satis</i>		
	E 501	Karbonati tal-potassju	<i>quantum satis</i>		
	E 503	Karbonati tal-ammonju	<i>quantum satis</i>		
	E 504	Karbonati tal-manjeżju	<i>quantum satis</i>		
	E 524	Idrossidu tas-sodju	<i>quantum satis</i>		
	E 525	Idrossidu tal-potassju	<i>quantum satis</i>		
	E 526	Idrossidu tal-kalċju	<i>quantum satis</i>		
	E 527	Idrossidu tal-ammonju	<i>quantum satis</i>		
	E 528	Idrossidu tal-manjeżju	<i>quantum satis</i> "		